# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVIL

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 26 ta’ April, 2002.**

**Kawza Numru: 21**

**Citaz. Nru. 1228/00 GV**

Doc. 236-02

**Randoll Galea**

**Vs**

**Anthony Sultana u b’digriet tat-28 ta’ Novembru, 2000 gie kjamat fil-kawza Brian Abela**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fid-19 ta’ Marzu, 2000, ghal xit-8.00 p.m. waqt li l-vettura tal-attur tal-marka Mazda bin-numru tar-registrazzzjoni HAO-954 kienet ipparkeggjata f’zona ta’ parkegg fi Pjazza San Gagbu, Haz-Zabbar, il-konvenut Anthony Sultana, li kien qed isuq il-vettura numru tar-registrazzjoni BBJ-457 tal-marka Kia Avella saq ghal fuq il-vetturi li kienu pparkeggjati fil-Pjazza, fosthom fuq dik tal-attur u kkawzalha danni konsiderevoli (Dok A);

Premess illi bhala konsegwenza tal-incident, l-attur garrab danni ammontanti ghal elf, tmin mija u sittax il-lira, u disgha u hamsin centezmu (Lm1,816.59) kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok B, C u D;

Premess illi ghall-incident u konsegwenzjali danni jahti il-konvenut, u dan peress li kien qed isuq il-vettura tieghu b'imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Premess illi l-konvenut, interpellat ufficjalment biex ihallas id-danni subiti mill-attur, baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lil konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi u ghad-danni kollha li garrab l-attur b'konsegwenza tal-istess; u

2. Tillikwida d-danni tal-attur fis-somma ta' Lm1,816.59, jew dak l-ammont li jkun dikjarat bhala dovut lill-attur in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April, 2000, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba, in kwantu diretta kontrih, ghandha tigi michuda ghax ghall-incident in kwistjoni ma kienx jahti hu.

2. Illi jsegwi li m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.

3. Jizdied isegwi, riferibilment ghat-tielet talba li m'hemmx x'jigi kundannat ihallas l-eccipjent.

4. Illi billi ghall-incident kien jahti, it-tielet *driver* involut, jigifieri BRIAN ABELA, ta' 48 Misrah is-Sliem, Zabbar, *driver* tal-Van Ford Transit bin-numru HAI 195 li ghandu jissejjah fil-kawza.

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova il-quantum minnu pretiz u dana bla pregudizzju, mill-punto di vista tal-eccipjent tal-eccezzjonijiet minnu sollevati.

Salv eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 21 u l-verbal a fol. 24;

Rat li l-kjamat fil-kawza ma pprezenta ebda eccezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat in-nota tal-konvenut;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal habta li grat fid-19 ta' Marzu, 2000 f'Haz-Zabbar u ghad-danni kollha li garrab l-attur b'konsegwenza ta' l-istess; tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm1,816.59 jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u tikkundana lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1,816.59 jew dak l-ammont li jkun dikjarat bhala dovut lill-attur in linea ta' danni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li ghall-incident kien jahti t-tielet *driver* involut cioe' Brian Abela li kien qed isuq il-van Ford Transit HAI 195. Fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova l-kwantum tad-danni.

**PROVI**

**P.S. 475 Frank Cassar** xehed li kien investiga dana l-kaz. Kienet involuta karozza BBJ 457 Kia Avella li laqtet diversi karozzi li kienu pparkjati. Hu kien issuspetta li d-*driver* kellu volum ta' alkohol. Kienu bdew jaghmlulu t-*test* ghall *alcohol* izda t-tabiba li giet fuq il-post kienet qalitlu biex ma jkomplux minhabba raguni ta' sahha.

Hu esebixxa r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Il-vettura HAO 954 ta' l-attur kienet ipparkjata fil-*parking base*.

*Driver* tal-vettura HAI 195 Abela *stated that he was driving from St James Square towards Misrah is-Sliem at a very slow speed, when he saw vehicle BBJ 457 colliding into Van FAV 984 which was parked in the parking base and by the impact said vehicle swerved and as a*

*consequence hit his van to its right front side and dashed into other vehicles which were parked in the parking base.*

*Driver* tal-*car BBJ457 stated that he was driving along Misrah is-Sliem towards St James Square when all of a sudden Van HAI195 started to drive and slightly hit his vehicle to its rear left side and as a consequence he dashed into vehicles FAV 984, KAS342, BAG 762, ADB981 which were parked also in the parking base.*

**L-attur** xehed li l-van tieghu kien ipparkjat f'zona ta' parkegg. Kienu marru n-nies u qalulu li kienu dahlu fil-van tieghu. Apparti l-van tieghu l-konvenut kien laqat 4 karozzi ohra. Il-konvenut kien qallu li hu kien miexi u laqtuh. Hu kien laqat lilu u karozzi ohra pero' beda jwahhal f'tat-transit.

**Il-konvenut** xehed li hu kien gej mix-xoghol ghal xi 8.00 p.m. / 8.30 p.m. u ghaddej minn fejn il-klinika ta' Dr. Josie Muscat. Hareg van minn naha tax-xellug tieghu mill-*parking* u laqtu fuq wara u xehtu fuq il-karozzi l-ohra fosthom ta' l-attur. Il-van baqa' miexi mieghu, laqtu u tefghu fuq il-karozzi l-ohra. Laqat hames karozzi li kienu pparkjati fejn xulxin *fish bone*. Hu kien ghaddej b'xi 25 km fis-siegha. Minn fejn kien ghaddej hija parti residenzjali.

Fuq kontroezami wiegeb li l-van laqtu bil-genb tal-fanal tieghu ta' quddiem, in-naha tad-*driver*.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi skond il-konvenut hu kien intlaqat mill-kjamat fil-kawza li hariglu minn fuq ix-xellug tieghu u tefghu fuq il-karozzi l-ohra. Minn naha l-ohra l-kjamat fil-kawza kien qal lis-Surgent (billi fil-Qorti hu baqa'

kontumaci) li l-konvenut kien l-ewwel laqat vettura pparkjata, gibed ghal fuqu, laqtu u mbaghad rega' dahal fil-vetturi l-ohra ipparkjati.

Illi biex il-konvenut laqat hames karozzi u ghamel dik il-hsara kollha (biss biss l-attur ghandu kwazi elfejn lira hsara) zgur li hu ma kienx ghaddej kif qal hu bil-25km fis-siegha, ghax kieku kien jieqaf tempestivament u l-hsara ma kienitx tkun daqshekk kbira u f'dawk il-karozzi kollha.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu qal li l-vettura ta' Abela harget mill-*parking* u laqtitu mentri fil-verzjoni tieghu lis-surgent qal li Abela "*started to drive*". Ma semmiex li dana hareg mill-*parking*. Fil-fatt dan jaqbel ma dak li qal Abela lis-Surgent *a tempo vergine* li hu was driving at a very slow speed. Illi l-vettura tal-kjamat fil-kawza ma tidhirx li f'xi hin ghamlet xi manuvra kif semma l-konvenut cioe' li kisret fuq il-lemin taghha mill-*parking*. Hi tidher fl-iskizz li baqghet dejjem ghad-dritt b'mod li ntlaqtet hi u mhux laqtet lil haddiehor.

Il-konvenut qal ukoll li l-van kienet laqtitu fuq wara, u ghalhekk wiehed jippresumi li, skond hu, kien diga ghadda l-van u ghalhekk ma jistax jghid li ra lill van jaghmel il-manuvra li qal li ghamel il-van. Abela pero' jghid li l-konvenut kien diga' laqat karozza ohra qabel laqat lilu. Hu qal lis-surgent li ra lill konvenut jolqot karozza pparkjata mbaghad spicca fuqu fuq il-gemb tieghu. Din il-versjoni ta' Abela hi konfermata mill-iskizz billi l-ewwel zewg karozzi fuq l-iskizz, il-Mazda u Leyland kienu

qabel bhala posizzjoni mill-post fejn it-transit setgha jolqot lill Kia fuq wara, kif qed jallega l-konvenut.

Inoltre s-surgent xehed li meta kien investiga l-kaz sab li l-konvenut kien suspettat li kellu volum ta' alkohol. Ghalkemm it-*test* ghall alkohol ma setghax jitkompla, minhabba l-istat ta' sahha tal-konvenut, lis-

surgent irrizultalu *de visu* li l-konvenut kellu volum ta' alkohol fuqu. Il-fatt li t-*test* ma tkompliex jista' jkollu rilevanza ai fini ta' akkuzi fil-kamp penali, izda fil-kamp civili, dan jista' jkun wiehed mill-elementi li l-Qorti ghandha tikkunsidra meta tigi biex tiddeciedi l-ghala gara l-incident bil-mod kif gara, fejn certi fatti jitkellmu wahedhom. Kuntrarjament ghal dak li hemm fin-nota tal-konvenut, dan imkien ma cahad li hu kien taht l-inflwenza tax-xorb.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti l-Qorti tasal ghall konkluzzjoni li l-incident gara unikament tort tal-konvenut li kien ghaddej bi *speed* imprudenti f'zona residenzjali u b'mod li ma kellux kontroll fuq il-vettura tieghu.

**Danni**

L-attur xehed li kien sar *survey* mill-assikurazzjoni tal-konvenut. Hu esebixxa l-ircevuti u l-istimi li gab (fol. 31-33) u ritratti tal-vettura tieghu bil-hsarat kagjonati (fol. 28-30). Hu qed jitlob Lm885.50 ghal *panel beating* u *spray*; Lm725 (ara fol. 33) ghal *parts*; u Lm210 *loss of use*. B'Kollox Lm1,820.50. Illi l-ammont mitlub mill-attur hu gustifikat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal habta li grat fid-19 ta' Marzu, 2000 f'Haz-Zabbar u ghad-danni kollha li garrab l-attur b'konsegwenza ta' l-istess;

tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm1,820.50;

tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1,820.50 in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, u bl-imghax minn notifika tac-citazzjoni.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**